



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.5.2019
COM(2019) 250 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U
LILL-KUNSILL**

**Gwida dwar ir-Regolament dwar qafas għall-flus liberu tad-*data* mhux pesonali fl-
Unjoni Ewropea**

Werrej

1	Introduzzjoni	2
	L-għan ta' din il-gwida	3
2	L-interazzjoni bejn ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' <i>Data Mhux Personali</i> u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-<i>Data</i> - settijiet ta' <i>data</i> mħallta	4
2.1	Il-kunċett ta' <i>data</i> mhux personali fir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' <i>Data Mhux Personali</i>	4
	<i>Data</i> personali	5
	<i>Data</i> mhux personali	6
2.2	Settijiet ta' <i>data</i> mħallta	8
3	Il-moviment liberu tad-<i>data</i> u t-tneħħija tar-rekwiżiti tal-lokalizzazzjoni tad-<i>data</i>	12
3.1	Il-moviment liberu tad-<i>data</i> mhux personali	12
3.2	Il-moviment liberu ta' <i>data</i> mhux personali	14
3.3	Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' <i>Data Mhux Personali</i>	15
3.4	Attivitajiet relatati mal-organizzazzjoni interna tal-Istati Membri	17
4	Approċċi awtoregulatorji li jappoġġjaw il-moviment liberu tad-<i>data</i>	18
4.1	Il-portaġġ tad-<i>data</i> u l-qlib bejn il-fornituri tas-servizzi tal-cloud	18
	L-idea ta' portabbiltà u l-interazzjoni mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad- <i>Data</i>	19
4.2	Kodiċijiet ta' kondotta u skemi ta' ċertifikazzjoni dwar il-protezzjoni ta' <i>data</i> personali	21
4.3	It-tisħiħ tal-fiduċja fl-ipproċessar transfruntier tad-<i>data</i> – ċertifikazzjoni tas-sigurtà 22	
	Rimarki finali	23

Dan id-dokument huwa pprovdut mill-Kummissjoni Ewropea għall-finijiet ta' informazzjoni biss. Huwa ma jinkludix interpretazzjoni awtorevoli tar-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' *data* mhux personali fl-Unjoni Ewropea u ma jikkostitwixxix deċiżjoni jew pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe tali deċiżjoni jew pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea u għas-setgħat tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sabiex tinterpreta r-Regolament skont it-Trattati tal-UE.

1 Introduzzjoni

F'ekonomija dejjem aktar immexxija mid-*data*, il-movimenti tad-*data* jinsabu fil-qalba tal-proċessi tan-negozju f'kumpaniji ta' kull daqs u fis-setturi kollha. Teknoloġiji diġitali ġodda qed joħolqu opportunitajiet ġodda għall-pubbliku ġenerali, għan-negozji u għall-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Unjoni Ewropea (l-“UE”).

Sabiex iżidu l-iskambju transfruntier tad-*data* u jagħtu spinta lill-ekonomija tad-*data*, f'Novembru 2018 il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2018/1807 dwar qafas għall-moviment liberu ta' *data* mhux personali fl-Unjoni Ewropea¹, (ir-“Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali”), ibbażat fuq proposta mill-Kummissjoni Ewropea (il-“Kummissjoni”). Ir-Regolament jibda japplika mit-28 ta' Mejju 2019. Il-prinċipju tal-moviment liberu tad-*data* personali huwa diġà stabbilit fir-Regolament (UE) 2016/679 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-“Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*”)². Bħala riżultat ta' dan, issa hemm qafas komprensiv għal spazju tad-*data* Ewropew komuni u l-moviment liberu tad-*data* kollha fi ħdan l-Unjoni Ewropea³.

Ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali joħloq ċertezza legali għan-negozji biex jipproċessaw id-*data* tagħhom kull fejn iridu fl-UE, joħloq fiduċja fis-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* u jirribatti Prattiki ta' lock-in tal-bejjieġh. Dan iżid l-għażla tal-konsumatur, itejjeb l-effiċjenza u jstimula l-adozzjoni ta' teknoloġiji tal-cloud, u jwassal għal tfaddil sinifikanti għan-negozji fl-UE. Studju wieħed sab li n-negozji fl-UE jistgħu jiffrankaw bejn 20 u 50 % tal-ispejjeż tal-IT tagħhom billi jaqilbu għall-cloud⁴.

Grazzi għaż-żewġ Regolament, id-*data* tista' tiġi mċaqalqa b'mod liberu minn Stat Membru għal ieħor, u b'hekk tippermetti lill-utenti tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* juża d-*data* miġbura fi swieq tal-UE differenti jtejbju l-produttività u l-kompetittività tagħhom. Għalhekk, l-utenti jistgħu jieħdu vantaġġ sħiħ mill-ekonomiji ta' skala pprovduti mis-suq kbir tal-UE, u jtejbju l-kompetittività globali tagħhom u jżidu l-interkonnnettività tal-ekonomija tad-*data* Ewropea.

Ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali għandu tliet karatteristiċi importanti:

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' *data* mhux personali fl-Unjoni Ewropa, ĠU L 303, 28.11.2018, p. 59.

² Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

³ Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* jkopri wkoll iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) li tinkludi l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja. Barra minn hekk, ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali huwa mmarrat bħala rilevanti għaż-ŻEE.

⁴ Deloitte: *Measuring the economic impact of cloud computing in Europe*, SMART 2014/0031, 2016. Disponibbli online fuq: http://ec.europa.eu/newsroom/document.cfm?doc_id=41184.

- Bħala regola, huwa jipprojbixxi lill-Istati Membri milli jimponu rekwiżiti dwar fejn *id-data* jenħtieġ li tiġi lokalizzata. L-eċċezzjonijiet għal din ir-regola jistgħu jiġu ġġustifikati abbażi tas-sigurtà pubblika f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità.
- Huwa jstabbilixxi mekkaniżmu ta' kooperazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkomplu jkunu jistgħu jeżerċitaw kwalunkwe dritt li għandhom biex jaċċessaw *data* li tkun qed tiġi pproċessata fi Stat Membru ieħor.
- Huwa jipprovdri inċentivi għall-industrija, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, biex jiġu żviluppati kodiċijiet ta' kondotta awtoregulatorji dwar il-bdil ta' fornituri ta' servizzi u l-portaġġ tad-*data*.

L-għan ta' din il-gwida

Din il-gwida tissodisfa l-Artikolu 8(3) tar-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data Mhux Personali*, li jitlob lill-Kummissjoni tippubblika gwida dwar l-interazzjoni bejn dan ir-Regolament u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, “speċjalment fir-rigward ta' settijiet ta' *data* magħmula minn *data* kemm personali kif ukoll mhux personali”.

Din il-gwida timmira li tgħin lill-utenti - speċjalment lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju - jifhmu l-interazzjoni bejn ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu tad-*Data Mhux Personali* u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*⁵. Għalhekk, il-gwida tindirizza b'mod partikolari: (i) il-kunċetti ta' *data* mhux personali u *data* personali; (ii) il-prinċipji tal-moviment liberu tad-*data* u l-projbizzjoni tar-rekwiżiti tal-lokalizzazzjoni tad-*data* skont iż-żewġ Regolamenti; u (iii) l-idea tal-portabbiltà tad-*data* skont ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data Mhux Personali*. Hija tkopri r-rekwiżiti awtoregulatorji stipulati fiż-żewġ Regolamenti.

Ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data Mhux Personali* biss ikopri “*data* minbarra *data* personali oħra” kif definit mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* jirregola l-ipproċessar ta' *data* personali, li huwa parti essenzjali mill-qafas tal-protezzjoni tad-*data* tal-UE⁶. Huwa daħal fis-seħħ fl-Istati

⁵ Il-Premessa 37 tar-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' *data* mhux personali fl-Unjoni Ewropea.

⁶

- Ir-Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (“Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*”) (ĠU L 119/1, 4.5.2016, p. 1).
- Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39.
- Id-Direttiva (UE) 2016/680 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89.
- Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (id-Direttiva

Membri fil-25 ta' Mejju 2018. Ir-Regolament jistipula regoli armonizzati għall-protezzjoni tan-nies fl-UE/ŻEE fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom u l-moviment liberu ta' tali *data*. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*: (i) jispeċifika liema informazzjoni tikkostitwixxi *data* personali; (ii) jistabbilixxi r-raġunijiet legali għall-ipproċessar tagħha; u (iii) jiddefinixxi d-drittijiet u l-obbligi li għandhom jiġu osservati fl-ipproċessar ta' din id-*data*⁷, fost dispożizzjonijiet oħrajn. Fir-rigward tal-prinċipju tal-moviment liberu tad-*data* personali, l-Artikolu 1(3) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* jipprovdi li “il-moviment liberu tad-*data* personali fl-Unjoni għandu jkun la ristrett u lanqas ipprojbit għal raġunijiet marbutin mal-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali.”

Fil-biċċa l-kbira tas-sitwazzjonijiet mill-ħajja reali, hemm probabbiltà kbira li sett ta' *data* jkun magħmul kemm minn *data* personali kif ukoll minn *data* mhux personali. Dan spiss jissejjaħ “sett ta' *data* mħallat”. It-Taqsima 2.2 hawn taħt tispjega aktar fid-dettall l-interazzjoni bejn ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* fir-rigward ta' settijiet ta' *data* mħallta.

Għall-finijiet ta' ċarezza, ma hemm l-ebda obbligu kontradittorju skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u r-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali.

2 L-interazzjoni bejn ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* - settijiet ta' *data* mħallta

2.1 Il-kunċett ta' *data* mhux personali fir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali

Ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *data* Mhux Personali⁸ jimmira li jiżgura l-moviment liberu ta' *data* li mhix *data* personali. Fit-test tiegħu, ir-Regolament juża t-terminu

dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika), ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37 (bħalissa qed tiġi riveduta).

⁷ Għal gwida ulterjuri dwar aspetti varji tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) u l-liġi Ewropea dwar il-protezzjoni tad-*data*, ara l-paġna web tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, li ħareġ numru ta' linji gwida skont l-Artikolu 70 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, disponibbli fuq: https://edpb.europa.eu/our-work-tools/general-guidance/gdpr-guidelines-recommendations-best-practices_en. Il-paġna web rilevanti għandha wkoll referenzi għal linji gwida, rakkomandazzjonijiet u dokumenti oħra maħruġa mill-predeċessur tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* - il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29. Barra minn hekk, biex tqajjem il-kuxjenza taċ-ċittadini u tan-negozji dwar ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*), il-Kummissjoni ħarġet Komunikazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* - gwida dwar l-applikazzjoni diretta tal-GDPR (COM/2018/043 final) disponibbli fuq: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1517578296944&uri=CELEX%3A52018DC0043>

⁸ Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' *data* mhux personali fl-Unjoni Ewropa.

data, li jenħtieġ li jinftiehem bħala “*data* li mhix *data* personali kif definita fil-punt 1 tal-Artikolu 4 tar-Regolament 2016/679 [ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*]”⁹. Tali *data*, li f’dan id-dokument tissejjaħ ukoll “***data mhux personali***”, hija definita għall-kuntrarju (*a contrario*) tad-*data* personali, kif stipulat mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

Data personali

Skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*: “*data* personali” tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma’ persuna fiżika identifikata jew identifikabbli (“suġġett tad-*data*”); persuna fiżika identifikabbli hija persuna li tista’ tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b’mod partikolari b’referenza għal mezz ta’ identifikazzjoni bħal isem, numru ta’ identifikazzjoni, *data* ta’ lokalizzazzjoni, identifikatur online jew għal fattur wieħed jew aktar speċifiċi għall-identità fiżika, fiżjoloġika, ġenetika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali ta’ dik il-persuna fiżika.”

Id-definizzjoni wiesgħa ta’ *data* personali hija intenzjonata u baqgħet essenzjalment mhux mibdula fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* bi tqabbil mal-leġiżlazzjoni preċedenti¹⁰. Diversi aspetti tad-definizzjoni ta’ *data* personali, bħal “kwalunkwe informazzjoni”, “relatata ma’”, “identifikata jew identifikabbli”, kienu diġà indirizzati mill-Grupp ta’ Hidma¹¹ tal-Artikolu 29 fl-Opinjoni tiegħu 4/2007 dwar il-kunċett ta’ *data* personali mill-20 ta’ Ġunju 2007, WP 136.

Hija prassi komuni f’oqsma bħar-riċerka, li d-*data* personali tiġi psewdonimizzata sabiex tinħeba l-identità tal-individwu. Il-**psewdonimizzazzjoni** huwa l-ipproċessar tad-*data* personali b’tali mod li ma jkunx possibbli li din tiġi attribwita lil persuna speċifika mingħajr l-użu ta’ informazzjoni addizzjonali. Din l-informazzjoni addizzjonali tinżamm separata u hija miżmuma b’mod sigur permezz ta’ miżuri organizzazzjonali u tekniċi (e.ż. kriptaġġ)^{12,13}.

⁹ Ara l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta’ *data* mhux personali fl-Unjoni Ewropea.

¹⁰ Ara l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta’ individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ *data* personali u dwar il-moviment liberu ta’ dik id-*data* (*data* tat-tmiem tal-validità: L-24 ta’ Mejju 2018, imħassar mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*). Ara wkoll il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-definizzjoni ta’ *data* personali, li tirrikonoxxi l-interpretazzjoni wiesgħa ta’ tali idea, pereżempju s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta’ Jannar 2009, *Productores de Música de España (Promusicae) vs Telefónica de España SAU*, C-275/06, ECLI:EU:C:2008:54; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta’ Novembru 2011, *Scarlet Extended SA v Société belge des auteurs, compositeurs et éditeurs SCRL (SABAM)*, C-70/10, ECLI:EU:C:2011:771; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta’ Ottubru 2016, *Patrick Breyer vs Bundersrepublik Deutschland*, C-582/14, ECLI:EU:C:2016:779.

¹¹ Il-Grupp ta’ Ħidma tal-Artikolu 29 kien korp ta’ konsulenza li kien jipprovdi pariri dwar materji ta’ protezzjoni tad-*data* lill-Kummissjoni u li għen fl-iżvilupp ta’ politiki armonizzati dwar il-protezzjoni tad-*data* fl-UE. Wara li r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* daħal fis-seħħ fil-25 ta’ Mejju 2018, l-Artikolu 29 tal-Grupp ta’ Ħidma ġie sostitwit mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

¹² Ara l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ *data* personali u dwar il-moviment liberu ta’ tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) li jiddefinixxi “psewdonimizzazzjoni”.

¹³ Pereżempju, studju ta’ riċerka dwar l-effetti ta’ mediċina ġdida jikkwalifika bħala psewdonimizzazzjoni, jekk id-*data* personali tal-parteċipanti tal-istudju tiġi sostitwita bl-attributi uniċi (eż.

Minkejja dan, *data* li tkun ġiet psewdonimizzata xorta titqies bħala informazzjoni dwar persuna identifikabbli jekk tista' tiġi attribwita lil din il-persuna permezz tal-użu ta' informazzjoni addizzjonali¹⁴. Tali *data* **tikkostitwixxi data personali** skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

Data mhux personali

Meta d-*data* ma tkunx “*data* personali kif definit fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*data*, din tkun **mhux personali**. Id-*data* mhux personali tista' tiġi kategorizzata bl-orijini bħala:

- L-ewwel nett; *data* li oriġinarjament ma kinitx relatata ma persuna fiżika identifikata jew identifikabbli, bħal *data* dwar il-kundizzjonijiet tat-temp iġġenerata mis-sensuri installati fuq turbini eoliċi jew *data* dwar il-ħtiġijiet ta' manutenzjoni għal magni industrijali.
- It-tieni nett; *data* li inizjalment kienet *data* personali, iżda li mbagħad saret **anonima**¹⁵. L-“anonimizzazzjoni tad-*data* personali hija differenti mill-psewdonimizzazzjoni (ara hawn fuq), minħabba li *data* anonimizzata kif xieraq ma tistax tiġi attribwita lil persuna speċifika, lanqas permezz tal-użu ta' *data* addizzjonali¹⁶ u għalhekk hija *data* mhux personali.

Il-valutazzjoni ta' jekk id-*data* hijiex anonimizzata kif xieraq tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi speċifiċi u uniċi ta' kull każ individwali¹⁷. Diversi eżempji tal-identifikazzjoni mill-ġdid ta' settijiet ta' *data* li suppost kienu anonimizzati wrew li tali evalwazzjoni tista' ma tkunx faċli¹⁸.. Sabiex jiġi stabbilit jekk individwu huwiex identifikabbli, wieħed għandu jħares lejn

numru jew kodiċi) fid-dokumentazzjoni tar-riċerka u d-*data* personali tagħhom tinżamm b'mod separat mill-attributi uniċi assenjati f' dokument assigurat (eż. f'bażi ta' *data* protett b'password).

¹⁴ Ara l-Premessa 26 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*).

¹⁵ Ara l-Premessa 26 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*), li tippovdi li “... il-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* m'għandhomx għalhekk japplikaw għall-informazzjoni anonima, jiġifieri informazzjoni li mhijiex marbuta ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli jew għal *data* personali li ssir anonima b'tali mod li s-suġġett tad-*data* ma jkunx jew ma jkunx għadu identifikabbli.”

¹⁶ Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Ottubru 2016, *Patrick Breyer vs Bundesrepublik Deutschland*, C-582/14, ECLI:EU:C:2016:779. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li indirizz tal-protokoll tal-internet (IP) dinamiku jista' jikkostitwixxi *data* personali anke jekk parti terza tkun tippossjedi *data* addizzjonali, li tagħmilha possibbli li l-individwu jiġi identifikat. Il-possibbiltà li l-individwu jiġi identifikat trid tikkostitwixxi mezz li hemm probabbiltà tajba li jintużaw biex jidentifikaw lill-individwu, kemm direttament kif ukoll indirettament.

¹⁷ L-anonimizzazzjoni tad-*data* jenħtieġ li dejjem titwettaq bl-użu tal-aktar tekniki ta' anonimizzazzjoni tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku riċenti.

¹⁸ Għal eżempji ta' identifikazzjoni mill-ġdid ta' *data* suppost anonimizzata ara l-istudju dwar il-movimenti futuri tad-*data* mwettqa għall-Kumitat ITRE tal-Parlament Ewropew minn Blackman, C., Forge, S.: *Data Flows — Future Scenarios: In-Depth Analysis for the ITRE Committee*, 2017, p. 22, Box 2. Disponibbli

il-mezzi kollha li hemm probabbiltà tajba li jintużaw minn kontrollur jew minn persuna oħra biex jidentifikaw individwu direttament jew indirettament¹⁹.

Eżempji ta' *data* mhux personali:

- *Data* li tiġi aggregata sal-punt li l-avvenimenti individwali (bħall-vjaġġi individwali barra mill-pajjiż ta' persuna jew il-mudelli ta' vjaġġar li jistgħu jikkostitwixxu *data* personali) ma jibqgħux identifikabbli, tista' tiġi kkwalifikata bħala *data* anonima²⁰. *Data* anonima li pereżempju tintuża fi statistika jew f'rapporti ta' bejgħ (pereżempju sabiex tiġi vvalutata l-popolarità ta' prodott u l-karatteristiċi tiegħu).
- *Data* ta' negozjar ta' frekwenza għolja fis-settur tal-finanzi, jew *data* dwar il-biedja ta' preċiżjoni li tgħin fil-monitoraġġ u l-ottimizzazzjoni tal-użu tal-pestiċidi, in-nutrijenti u l-ilma.

Madankollu, jekk *data* mhux personali tista' tkun relatata ma' individwu bi kwalunkwe mod, u b'hekk twassal biex dan ikun identifikabbli direttament jew indirettament, id-*data* trid titqies bħala *data* personali.

Pereżempju, jekk rapport dwar il-kontroll tal-kwalità dwar il-linja tal-produzzjoni jagħmilha possibbli li d-*data* tiġi relatata ma' ħaddiema tal-fabbrika speċifiċi (eż. dawk li jistabbilixxu l-parametri tal-produzzjoni), mela d-*data* tikkwalifika bħala *data* personali u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* jkollu jiġi applikat. L-istess regoli japplikaw meta l-iżviluppi fit-teknoloġija u fl-analitika tad-*data* jagħmluha possibbli li d-*data* anonimizzata tiġi kkonvertita f'*data* personali.²¹

Minħabba li d-definizzjoni ta' *data* personali tirreferi għal "persuni fiżiċi", is-settijiet ta' *data* li fihom l-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuni fiżiċi fil-prinċipju huma *data* mhux

online

fuq:

[http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/IDAN/2017/607362/IPOL_IDA\(2017\)607362_EN.pdf](http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/IDAN/2017/607362/IPOL_IDA(2017)607362_EN.pdf)

¹⁹ Ara l-Premessa 26 tar-Regolament (UE) 2016/679 ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*data*, skont liema "Sabiex jiġi aċċertat liema mezzi huma raġonevolment mistennija jintużaw għall-identifikazzjoni tal-persuna fiżika, għandu jittieħed kont tal-fatturi oġġettivi kollha, bħall-ispejjeż tal-identifikazzjoni u l-ammont ta' żmien meħtieġ għall-identifikazzjoni, b'kont meħud tat-teknoloġija disponibbli fil-mument tal-ipproċessar u tal-iżviluppi teknoloġiċi."

²⁰ Ara l-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29: *Opinjoni 05/2014 dwar it-Tekniki ta' Anonimizzazzjoni* adottata fl-10 ta' April 2014 WP216, p. 9: "Jekk il-kontrollur tad-*data* jaggrega d-*data* biss sal-livell li l-avvenimenti individwali ma jibqgħux identifikabbli, is-sett tad-*data* li jirriżulta jista' jiġi kkwalifikat bħala anonimu. Pereżempju: jekk organizzazzjoni tiġbor *data* dwar movimenti tal-ivvjaġġar individwali, il-mudelli tal-ivvjaġġar individwali fil-livell tal-avveniment xorta jibqgħu jikkwalifikaw bħala *data* personali għal kwalunkwe parti, sakemm il-kontrollur tad-*data* (jekk kwalunkwe parti oħra) xorta jibqagħlu aċċess għad-*data* mhux ipproċessata oriġinali, anke jekk l-identifikaturi diretti jkunu tneħħew mis-sett ipprovdut lill-partijiet terzi. Iżda jekk il-kontrollur tad-*data* jħassar id-*data* mhux ipproċessata, u jipprovdut lill-partijiet terzi biss statistika aggregata dwar f'livell għoli, bħal "kull nhar ta' Tnejn fuq trajettorja X hemm 160 % aktar passiġġieri milli kull nhar ta' Tlieta", din tikkwalifika bħala *data* anonima."

²¹ Jekk id-*data* personali tiġi pproċessata b'mod illegali jew inkella l-ipproċessar jikser ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, is-suġġetti tad-*data* (persuni fiżiċi), skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, huma intitolati jressqu ilment quddiem l-awtorità superviżorja nazzjonali (l-awtorità għall-protezzjoni tad-*data*) fl-UE jew ifittxu rimedju ġudizzjarju effettiv quddiem qorti nazzjonali. Il-kompiti, il-kompetenzi u s-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali huma regolati fil-Kapitolu VI, it-Taqsima 2 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

personali²². Madankollu, f'ċerti sitwazzjonijiet jistgħu jkunu *data* personali²³. Dan ikun il-każ, pereżempju, jekk l-isem tal-persuna fiżika jkun l-istess bħal dak ta' persuna fiżika li jappartjeni għaliha jew jekk l-informazzjoni tkun relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli²⁴.

2.2 Settijiet ta' *data* mħallta

Ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* jindirizzaw il-moviment tad-*data* fl-UE minn żewġ angoli differenti.

Ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* jistipula projbizzjoni ġenerali kontra r-rekwiżiti tal-lokalizzazzjoni tad-*data* għal *data* mhux personali. L-Artikolu 4(1) tar-regolament jipprojbixxi r-rekwiżiti tal-lokalizzazzjoni tad-*data* sakemm dawn ma jkunux iġġustifikati abbażi tas-sigurtà pubblika f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, barra milli jiżgura livell għoli ta' protezzjoni ta' *data* personali, jiżgura l-moviment liberu ta' *data* personali. Skont l-Artikolu 1(3) tar-Regolament, il-moviment liberu tad-*data* personali “għandu jkun la ristrett u lanqas ipprojbit għal raġunijiet marbutin mal-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali.” Flimkien, iż-żewġ Regolament jipprevedu għall-moviment liberu tad-*data* “kollha” fi ħdan l-UE. Id-dispożizzjonijiet speċifiċi huma indirizzati aktar fid-dettal fit-Taqsima 3.1 u 3.2.

Sett ta' *data* mħallta jikkonsisti kemm minn *data* personali kif ukoll minn *data* mhux personali. Is-settijiet ta' *data* mħallta jirrappreżentaw il-maġġoranza ta' settijiet ta' *data* użati fl-ekonomija tad-*data* u huma komuni minħabba fl-iżviluppi teknoloġiċi bħall-Internet tal-Oġġetti (jiġifieri oġġetti konnessi b'mod diġitali), l-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji li jippermettu l-analitika tal-big *data*.

Eżempji ta' settijiet ta' *data*:

- rekord tat-taxxa ta' kumpanija, li jsemmi l-isem u n-numru tat-telefown tad-direttur maniġerjali tal-kumpanija;

²² Il-Premessa 14 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) tistipula li “Dan ir-Regolament ma jkoprix l-ipproċessar tad-*data* personali li tikkonċerna l-persuni ġuridiċi u b'mod partikolari l-impriżi stabbiliti bħala persuni ġuridiċi, inklużi l-isem u l-forma tal-persuna ġuridika u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuna ġuridika.” Dan madankollu jeħtieġ li jinqara fid-dawl tad-definizzjoni ta' *data* personali fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

²³ Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Novembru 2010 fil-kawża konġunti *Volker und Markus Schecke GbR, C-92/09 u Hartmut Eifert, C-93/09 vs Land Hessen*, ECLI:EU:C:2010:662, paragrafu 52.

²⁴ https://ec.europa.eu/info/law/law-topic/data-protection/reform/rules-business-and-organisations/application-regulation/do-data-protection-rules-apply-data-about-company_en

- settijiet ta' *data* f'bank, partikolarment dawk b'informazzjoni dwar il-klijenti u dettalji ta' tranżazzjonijiet, bħal servizzi ta' pagament (kards ta' kreditu u debitu), applikazzjonijiet ta' ġestjoni tar-relazzjoni tas-sħab (PRM) u ftehimiet ta' self, dokumenti li jħalltu d-*data* dwar persuni fiżiċi u ġuridiċi;
- *data* statistika anonimizzata ta' istituzzjoni tar-riċerka u d-*data* mhux ipproċessata inizjalment miġbura, bħat-tweġibiet ta' risponenti individwali għall-mistoqsijiet ta' stħarriġiet ta' riċerka;
- il-bażi ta' *data* tal-ġharfien ta' kumpanija tal-problemi tal-IT u s-soluzzjonijiet tagħhom abbażi ta' rapporti dwar inċidenti tal-IT individwali;
- *data* relatata mal-Internet tal-Oġġetti, fejn xi *data* tippermetti li jsiru preżunzjonijiet dwar individwi identifikabbli (e.ż. il-preżenza ta' indirizz partikolari u mudelli ta' użu). u
- l-analiżi ta' *data* tal-illoggjar operazzjonali ta' tagħmir tal-manifattura fl-industrija tal-manifattura.

Eżempju: servizz tal-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-klijenti

Xi banek jużaw is-servizzi ta' ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-klijenti (CRM) ipprovduti minn partijiet terzi li jirrikjedu li d-*data* tal-klijent tkun disponibbli fl-ambjent tas-CRM. Id-*data* miżmuma fis-servizz tas-CRM tinkludi kwalunkwe informazzjoni meħtieġa sabiex l-interazzjoni mal-klijenti tiġi ġestita b'mod effettiv, bħall-indirizz postali u tal-email tagħhom, in-numru tat-telefown tagħhom, il-prodott u s-servizzi li jixtru, u r-rapporti tal-bejgħ, inkluża *data* aggregata. Għalhekk, din id-*data* tinkludi kemm *data* personali kif ukoll mhux personali dwar il-klijenti.

Fir-rigward tas-settijiet ta' *data* mħallta, ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali²⁵ jipprevedi li:

“F’każ ta’ sett ta’ *data* magħmul minn *data* personali u mhux personali, dan ir-Regolament japplika għall-parti mis-sett ta’ *data* li tikkonċerna d-*data* mhux personali. Meta d-*data* personali u d-*data* mhux personali f’sett ta’ *data* jkunu marbutin intrinsikament, dan ir-Regolament ma għandux jippreġudika l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679.”

Dan ifisser li, fil-każ ta’ sett ta’ *data* magħmul kemm minn *data* personali kif ukoll mhux personali:

- ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali japplika għad-*data* mhux personali tas-sett ta' *data*;
- id-dispożizzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* dwar il-moviment liberu²⁶ tapplika għall-parti tas-sett ta' *data* dwar id-*data* personali; u

²⁵ L-Artikolu 2(2) tiegħu

²⁶ l-Artikolu 1(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-

- jekk il-parti tad-*data* mhux personali u l-partijiet tad-*data* personali jkunu “marbuta b’mod inseparabbli”, id-drittijiet tal-protezzjoni tad-*data* u l-obbligi li jirriżultaw mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* japplikaw bis-sħiħ għas-sett ta’ *data* mħallat kollu, anke meta d-*data* personali tkun tirrappreżenta parti żgħira biss mis-sett ta’ *data*²⁷.

Din l-interpretazzjoni hija konformi mad-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali garantit mid-Dokument tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea²⁸ u mal-Premessa 8 tar-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta’ *Data* Mhux Personali²⁹. Il-Premessa 8 tiegħu tippredvi li l-qafas legali dwar il-protezzjoni ta’ persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ *data* personali..., b’mod partikolari [ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*]... u d-Direttivi (UE) 2016/680 u 2002/58/KE... mhumiex affettwati minn dan ir-Regolament."

Eżempju prattiku:

Kumpanija li topera fi ħdan l-UE toffri s-servizzi tagħha permezz ta’ pjattaforma. In-negozji (il-klijenti) itellgħu d-dokumenti tagħhom, li jkun fihom settijiet ta’ *data* mħallta fuq il-pjattaforma. Bħala “kontrollur”, in-negozju li jtella’ d-dokumenti jeħtieġlu jiżgura li l-ipproċessar jikkonforma mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*. Billi tipproċessa s-sett ta’ *data* f’isem il-kontrollur, il-kumpanija li toffri s-servizzi (“il-proċessur”) jeħtieġ li taħżen u tipproċessa d-*data* f’konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, pereżempju biex tiżgura li jiġi garantit livell xieraq ta’ sigurtà relatat mad-*data*, inluż permezz ta’ kriptaġġ.

Il-kunċett ta’ “marbuta b’mod inseparabbli” mhu definit minn l-ebda wieħed miż-żewġ Regolamenti³⁰. Għal finijiet prattiċi, jista’ jirreferi għal sitwazzjoni fejn sett ta’ *data* jkun fih *data* personali kif ukoll *data* mhux personali u li s-separazzjoni tat-tnejn tkun jew impossibbli jew li tkun meqjusa mill-kontrollur bħala ekonomikament ineffiċjenti jew mhux teknikament fattibbli. Pereżempju, meta tixtri CRM u sistemi tar-rappurtar tal-bejgħ, il-kumpanija jkollha tirdoppja l-ispiża fuq is-softwer billi tixtri softwer separat għas-CRM (*data* personali) u sistemi ta’ rappurtar tal-bejgħ (*data* aggregata/mhux personali) abbażi tad-*data* tas-CRM.

Is-separazzjoni tas-sett ta’ *data* aktarx li tnaqqas ukoll il-valur tas-sett ta’ *data* b’mod sinifikanti. Barra minn hekk, in-natura dejjem tinbidel tad-*data* (ara t-Taqsima 2.1) tagħmilha

moviment liberu ta’ tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*). Ara wkoll it-Taqsima 3.2. tiegħu.

²⁷ Kif ġie mfakkar fid-Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-Proposta dokument għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-moviment liberu tad-*data* mhux personali fl-Unjoni Ewropea SWD(2017) 304 final), parti 1/2, p. 3, “irrispettivament minn kemm *data* personali tiġi inkluża fis-settijiet ta’ *data* mħallta, il-GDPR [ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*] jeħtieġ li jiġi rispettata kompletament fir-rigward tal-parti tad-*data* personali tas-sett.”

²⁸ Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ĠU C 362 26.10.2012, p. 391.

²⁹ Il-Premessa 8 tiegħu

³⁰ Ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta’ *Data* Mhux Personali u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

aktar diffiċli li ssir distinzjoni ċara u għalhekk separazzjoni bejn il-kategoriji differenti tad-*data*.

Huwa importanti li l-ebda wieħed miż-żewġ Regolamenti ma jobbliga lin-negozji jisseparaw is-settijiet ta' *data* li jkunu qed jikkontrollaw jew jipproċessaw.

Konsegwentement, sett ta' *data* mħallta b'mod ġenerali jkun soġġett għall-obbligi tal-kontrolluri u tal-proċessuri tad-*data* u jirrispetta d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* stabbiliti mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

L-ipproċessar ta' *data* dwar is-saħħa

Id-*data* dwar is-saħħa tista' tkun parti minn sett ta' *data* mħallta. Eżempji jinkludu rekords tas-saħħa elettroniċi, provi kliniċi jew settijiet ta' *data* miġbura minn diversi applikazzjonijiet tal-benesseri u tas-saħħa mobbli (bħal applikazzjonijiet għall-kejl tal-istatus tas-saħħa tagħna, biex ifakkruna nieħdu l-medikazzjoni tagħna jew biex jintraċċaw il-progress tal-fitness tagħna)³¹. Id-diviżjoni preċiża bejn id-*data* personali u mhux personali f'dawn is-settijiet ta' *data* qed issir dejjem anqas ċara bl-iżviluppi teknoloġiċi. Konsegwentement, l-ipproċessar tagħhom irid jikkonforma mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, b'mod partikolari (minħabba li d-*data* dwar is-saħħa hija kategorija speċjali ta' *data* skont ir-Regolament) mal-Artikolu 9, li jistipula projbizzjoni ġenerali dwar l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* u eċċezzjonijiet minn din il-projbizzjoni.

Id-*data* f'settijiet ta' *data* mħallta li fihom *data* dwar is-saħħa tista' tkun sors preżżjuż ta' informazzjoni, eż. għal riċerka medika ulterjuri, għall-kejl tal-effetti sekondarji ta' mediċina preskritta, għal finijiet ta' statistika ta' mard jew għall-iżvilupp ta' servizzi jew trattamenti ġodda tal-kura tas-saħħa. Madankollu, ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* jrid jiġi rrispettat meta jitwettqu operazzjonijiet ta' proċessar inizjali u meta jitwettqu operazzjonijiet ta' proċessar tad-*data* ulterjuri. Għalhekk, kwalunkwe tali proċessar ta' *data* dwar is-saħħa jrid ikollu bażi ġuridika valida³² u ġustifikazzjoni xierqa, ikun sigur u jipprovdi salvagwardji suffiċjenti.

Fl-aħħar nett, huwa essenzjali li l-individwi u l-kumpaniji jkollhom ċertezza u fiduċja legali fl-ipproċessar tad-*data*. Dan huwa vitali wkoll għall-ekonomija tad-*data*. Iż-żewġ Regolamenti jiżguraw dan u t-tnejn għandhom l-għan li ma jibdlux il-moviment liberu tad-*data*.

³¹ L-iżvilupp u l-operat tal-applikazzjonijiet tas-saħħa mobbli jirrikjedi konformità stretta mar-regoli tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*. Dawn ir-rekwiżiti se jiġu speċifikati aktar fid-dettall fil-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-privatezza għall-applikazzjonijiet tas-saħħa mobbli, li qed jiġi mħejji bħalissa. Għal aktar informazzjoni dwar l-istatus tal-iżvilupp tiegħu ara: <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/privacy-code-conduct-mobile-health-apps>

³² Ara l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*)

3 Il-moviment liberu tad-*data* u t-tneħħija tar-rekwiżiti tal-lokalizzazzjoni tad-*data*

Din it-taqsimha tispjega l-kunċetti tar-rekwiżiti tal-lokalizzazzjoni tad-*data* skont ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali u dwar il-prinċipju ta' moviment fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* f'aktar dettall. Għalkemm dawn id-dispożizzjonijiet għandhom fil-mira tagħhom l-Istati Membri, jista' jkun informattiv għan-negozji li jkollhom stampa aktar preċiża ta' kif dawn iż-żewġ Regolamenti jikkontribwixxu għall-moviment liberu tad-*data* kollha fi ħdan l-UE.

3.1 Il-moviment liberu tad-*data* mhux personali

Ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali³³ jipprevedi li "ir-rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-*data* għandhom jiġu pprojbiti, sakemm ma jkunux ġustifikati għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika f'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

Ir-Rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-*data* huma definiti³⁴ bħala "kwalunkwe obbligu, projbizzjoni, kundizzjoni, limitu jew rekwiżit ieħor previsti fil-liġijiet, fir-regolamenti jew fid-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' Stat Membru jew li jirriżultaw mill-prattiki amministrattivi ġenerali u konsistenti fi Stat Membru u f'korpi regolati mil-liġi pubblika, inkluż fil-qasam tal-akkwist pubbliku, mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2014/24/UE, li jimponu l-ipproċessar ta' *data* fit-territorju ta' Stat Membru partikolari jew li jxekklu l-ipproċessar ta' *data* fi kwalunkwe Stat Membru ieħor³⁵."

Id-definizzjoni turi li l-miżuri li jillimitaw il-moviment liberu tad-*data* fi ħdan l-UE jistgħu jieħdu diversi għamliet. Dawn jistgħu jiġu stipulati fil-liġijiet, f'regolamenti amministrattivi u f'dispożizzjonijiet jew saħansitra jirriżultaw minn prassi amministrattivi ġenerali u konsistenti. Barra minn hekk, il-projbizzjoni tar-rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-*data* tkopri kemm il-miżuri diretti kif ukoll dawk indiretti li jillimitaw il-moviment liberu tad-*data* mhux personali.

Ir-rekwiżiti diretti ta' lokalizzazzjoni tad-*data* jistgħu jikkonsistu, pereżempju, minn obbligu għall-ħżin ta' *data* f'post ġeografiku speċifiku (eż. is-servers iridu jiġu lokalizzati fi Stat Membru partikolari) jew obbligu għall-konformità ma' rekwiżiti tekniċi nazzjonali uniċi (eż. id-*data* trid tuża format nazzjonali speċifiċi).

Ir-rekwiżiti indiretti tal-lokalizzazzjoni tad-*data*, li jfixklu l-ipproċessar tad-*data* mhux personali fi kwalunkwe Stat Membru ieħor, jistgħu jiġu f'varjetà ta' forum. Dawn jistgħu jinkludu rekwiżiti għall-użu ta' faċilitajiet teknoloġiċi li huma ċċertifikati jew approvati fi

³³ L-Artikolu 4(1) tiegħu

³⁴ L-Artikolu 3(5) tar-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' *data* mhux personali fl-Unjoni Ewropa

³⁵ Innota li l-inċertezza legali dwar sa fejn ir-rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-*data* leġittimi u illeġittimi jkomplu jillimitaw l-għażliet disponibbli għall-atturi tas-suq u s-settur pubbliku fil-post tal-ipproċessar tad-*data* (ara l-Premessa 4 tar-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' *data* mhux personali fl-Unjoni Ewropea).

ħdan Stat Membru speċifiku jew rekwiżiti oħra li għandhom l-effett li jagħmluha aktar diffiċli li d-*data* tiġi proċessata barra minn żona jew territorju ġeografiku/a speċifiku/a fi ħdan l-Unjoni Ewropea^{36,37}.

Il-valutazzjoni ta' jekk miżura speċifika tirrappreżentax rekwiżit indirett ta' lokalizzazzjoni tad-*data* trid tqis iċ-ċirkostanzai speċifiċi ta' kull każ.

Ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data Mhux Personali*³⁸ jirreferi għall-kunċett tas-**sigurtà pubblika** kif spjegat mill-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Il-kunċett tas-sigurtà pubblika "ikopri kemm is-sigurtà interna kif ukoll dik esterna ta' Stat Membru³⁹, kif ukoll kwistjonijiet ta' sikurezza pubblika, sabiex, b'mod partikolari, jiffaċilita l-investigazzjoni, is-sejbien u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali. Dan jassumi l-eżistenza ta' theddida ġenwina u serja biżżejjed li taffettwa wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjeta'⁴⁰, bħal theddida għall-funzjonament ta' istituzzjonijiet u servizzi pubbliċi essenzjali u s-sopravivenza tal-popolazzjoni, kif ukoll ir-riskju ta' disturb serju fir-relazzjonijiet barranin jew għall-koeżistenza paċifika tan-nazzjonijiet, jew riskju għall-interessi militari."

Barra minn hekk, kwalunkwe rekwiżit tal-lokalizzazzjoni tad-*data* ġġustifikat minn raġunijiet ta' sigurtà pubblika jridu ikun proporzjonali. F'konformità mal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-prinċipju tal-proporzjonalità jirrikjedi li l-miżuri adottati jkunu xierqa sabiex jiġi żgurat li l-oġettiv segwit jintlaħaq u li ma jmorrux lil hinn minn dak li hu neċessarju għal dak il-għan⁴¹.

Għall-finijiet ta' ċarezza, il-projbizzjoni tar-rekwiżiti tal-lokalizzazzjoni tad-*data* hija mingħajr preġudizzju għar-restrizzjonijiet diġà eżistenti stipulati mil-liġi tal-UE⁴².

³⁶ Il-Premessa 4 tar-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' *data* mhux personali fl-Unjoni Ewropea.

³⁷ Ara żewġ studji dwar ir-rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-*data* mwettqa qabel l-adozzjoni tar-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data Mhux Personali*: (1) Godel, M. et al.: *Facilitating cross border data flows in the Digital Single Market*, SMART number 2015/2016. Disponibbli online fuq: http://ec.europa.eu/newsroom/document.cfm?doc_id=41185 u (2) Time.lex, Spark Legal Network and Tech4i2: *Cross-border data flow in the digital single market: study on data localisation restrictions*. SMART number 2015/0054. Disponibbli online fuq: http://ec.europa.eu/newsroom/dae/document.cfm?doc_id=46695

³⁸ Il-Premessa 19 tiegħu

³⁹ Ara pereżempju s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Novembru 2010, *Land Baden-Württemberg vs Tsakouridis*, C-145/09, ECLI:EU:C:2010:708, il-paragrafu 43 u s-sentenza tal-4 ta' April 2017, *Sahar Fahimian vs Bundesrepublik Deutschland*, C-544/15, ECLI:EU:C:2017:225, il-paragrafu 39.

⁴⁰ Ara pereżempju s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Diċembru 2008, *Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika tal-Awstrija*, C-161/07, ECLI:EU:C:2008:759, il-paragrafu 35 u l-każistika msemmija fiha u s-sentenza tas-26 ta' Marzu 2009, *Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika tal-Italja*, C-326/07, ECLI:EC:C:2009:193, il-paragrafu 70 u l-każistika msemmija fiha.

⁴¹ Ara pereżempju s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Lulju 2010, *Afton Chemical Limited vs Is-Segretarju tal-Istat għat-Trasport*, C-343/09, ECLI:EU:C:2010:419, il-paragrafu 45 kif ukoll il-każistika msemmija fiha.

⁴² Ara pereżempju l-Artikolu 245(2) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxa fuq il-valur miżjud, li jipprovdi li "l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li persuni taxxabbli stabbiliti fit-territorju tagħhom jgħarrfuhom bil-post tal-ħażna, jekk dan ikun barra mit-territorju tagħhom". Madanakollu, dan ir-rekwiżit jirrikjedi li jinqara skont l-Artikolu 249, li jsostni li: "meta persuna taxxabbli taħżen fatturi li toħroġ jew tirċievi b'mezzi elettroniċi li tiggarrantixxi aċċess online għad-*data* u meta l-post tal-ħażna jkun fi Stat Membru għajr dak li fih hi tkun stabbilita, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru li fih tkun stabbilita għandu,

Barra minn hekk, ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data Mhux Personali* ma jimponi l-ebda obbligu fuq in-negozji jew limitu għal-libertà kuntrattwali tagħhom biex jiddeċiedu jekk id-*data* tagħhom għandhiex tiġi pproċessata.

L-Istati Membri huma mitluba jagħmlu dettalji ta' kwalunkwe rekwiżit tal-lokalizzazzjoni tad-*data* applikabbli fit-territorju tagħhom disponibbli għall-pubbliku fuq **punt ta' informazzjoni uniku online nazzjonali** (siti web nazzjonali). Huma jeħtiġilhom iżommu dawn aġġornati u jipprovdu dettalji aġġornati lil punt ta' informazzjoni ċentrali stabbilit skont att tal-UE iehor⁴³. Għall-konvenjenza tan-negozji u biex tippovdi għall-aċċess faċli tagħhom għal informazzjoni rilevanti madwar l-UE, il-Kummissjoni se tippubblika links għal dawn il-punti ta' informazzjoni fuq il-portal L-Ewropa Tiegħek⁴⁴.

3.2 Il-moviment liberu ta' *data* mhux personali

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*⁴⁵ jipprovdi li “il-moviment liberu tad-*data* personali fl-Unjoni għandu jkun la ristrett u lanqas ipprojbit għal raġunijiet marbutin mal-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali.

Jekk Stat Membru jimponi rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni dwar id-*data* personali għal xi raġunijiet oħrajn iżda mhux għall-protezzjoni tad-*data* personali, dawn ikollhom jiġu vvalutati mad-dispożizzjonijiet dwar il-libertajiet fundamentali u r-raġunijiet permessi għad-deroga minn dawk il-libertajiet fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea^{46,47} u l-leġislazzjoni rilevanti tal-UE, bħad-Direttiva dwar is-Servizzi⁴⁸ u d-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku⁴⁹.

għall-finijiet ta' din id-Direttiva, ikollhom id-dritt li jaċċedu għal dawk il-fatturi b'mezzi elettroniċi, li jniżżluhom u jużawhom, fil-limiti stipulati bir-regoli tal-Istat Membru fejn il-persuna taxxabli tkun stabbilita u sa fejn dak l-Istat jeħtieġ għal raġunijiet ta' kontroll.”

⁴³ L-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' *data* mhux personali fl-Unjoni Ewropea.

⁴⁴ <https://europa.eu/youreurope/index.htm>

⁴⁵ L-Artikolu 1(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*)

⁴⁶ Verżjoni konsolidata tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ĠU C 326, 26.10.2012, p. 47-390.

⁴⁷ Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Ġunju 2008, *Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu*, C-319/06, ECLI:EU:C:2008:350, il-paragrafi 90-91: il-Qorti qieset li obbligu biex ċerti dokumenti jinżammu u jibqgħu disponibbli fi Stat Membru partikolari jikkostitwixxi restrizzjoni fuq il-libertà għall-provvediment tas-servizzi; ġustifikazzjoni li “normalment hija aktar faċli għall-awtoritajiet biex iwettqu l-kompiti superviżorji tagħhom” mhix suffiċjenti.

⁴⁸ Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern, ĠUL 376, 27.12.2006, p. 36-68.

⁴⁹ Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (“Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku”) ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1-16.

Eżempju:

Liġi nazzjonali tirrikjedi li l-kontijiet tal-pagi jkunu lokalizzati fi Stat Membru partikolari għal raġunijiet relatati ma' kontroll regolatorju eż. mill-awtorità nazzjonali tat-taxxa. Tali dispożizzjoni nazzjonali taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1(3) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data minħabba li r-raġunijiet mhumiex il-protezzjoni tad-data personali. Minflok, dan ir-rekwiżit ikollu jiġi vvalutat mad-dispożizzjonijiet dwar il-libertajiet fundamentali u r-raġunijiet permessi għad-deroga minn dawk il-libertajiet fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data⁵⁰ jirrikonoxxi li l-Istati Membri jistgħu jimponu kundizzjonijiet, inklużi limitazzjonijiet, fuq l-ipproċessar ta' data ġenetika, data bijometrika u data dwar is-saħħa. Madankollu, kif issostni l-Premessa 53, tali limitazzjonijiet nazzjonali ma għandhomx ifixklu l-moviment liberu tad-data personali fi ħdan l-UE meta dawn il-kundizzjonijiet japplikaw għall-ipproċessar transfruntier ta' tali data. Dan huwa konformi mal-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jipprovdi l-bażi ġuridika għall-adozzjoni ta' regoli fir-rigward tad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u r-regoli fir-rigward tal-moviment liberu ta' tali data.

3.3 Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' Data Mhux Personali

Kif issemma' diġà, ir-Regolament dwar il-Moviment ta' Data Mhux Personali jimmira li jiżgura l-moviment liberu ta' data mhux personali 'fi ħdan l-Unjoni'⁵¹. Għalhekk, huwa ma japplikax għal operazzjonijiet ta' proċessar li jseħħu barra mill-UE u għar-rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-data relatati ma' tali proċessar^{52,53}.

Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, skont l-Artikolu 2(1), għalhekk huwa limitat għall-ipproċessar ta' data mhux personali elettronika fl-UE, li jiġi:

- (a) ipprovdut bħala servizz lill-utenti li jirriġedu jew li huma stabbiliti fl-UE, irrispettivament minn jekk il-fornitur ta' servizzi jkunx stabbilit fl-UE jew le; jew
- (b) isir minn persuna fiżika jew ġuridika li tgħix jew li huma stabbiliti fl-Unjoni għall-ħtiġijiet tagħha stess.

⁵⁰ L-Artikolu 9(4) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)

⁵¹ Ara l-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' data mhux personali fl-Unjoni Ewropa

⁵² Ara l-Premessa 15 tar-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' data mhux personali fl-Unjoni Ewropea.

⁵³ It-terminu "proċessar" huwa definit f' termini wiesgħa (l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' data mhux personali fl-Unjoni Ewropea) u, kif enfasizzat fil-Premessa 17, ir-Regolament jenħtieġ li japplika għall-ipproċessar fl-aktar sens wiesa', billi jinkorpora l-użu tat-tipi kollha ta' sistemi tal-IT.

Eżempji:

L-Artikolu 2(1)(a) tar-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali:

- Fornitur ta' servizzi tal-cloud stabbilit fl-Istati Uniti tal-Amerika jipprovdi s-servizzi ta' proċessar tiegħu lill-klijenti li jirrisjedu jew li huma stabbiliti fl-UE. Il-fornitur ta' servizzi tal-cloud jamministra l-attivitajiet tiegħu permezz ta' servers li jinsabu fit-territorju tal-UE, fejn id-*data* tal-klijenti Ewropej tiegħu tkun maħżuna jew inkella pproċessata. Il-fornitur ta' servizzi tal-cloud ma għandux għalfejn ikollu infrastruttura bbażata fl-UE, iżda jista' eż. jikri spazju għas-server fl-UE. Ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali japplika għal tali proċessar ta' *data*.
- Fornitur ta' servizzi tal-cloud stabbilit fil-Ġappun joffri s-servizzi tiegħu lill-klijenti Ewropej. Il-kapaċitajiet ta' proċessar tal-fornitur jinsabu fil-Ġappun u l-attivitajiet ta' proċessar kollha jseħħu hemmhekk. Ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali ma japplikax f'dan il-każ, jekk l-attivitajiet tal-ipproċessar kollha jseħħu barra mill-UE⁵⁴.

L-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali:

- Negozju ġdid żgħir Ewropew minn Stat Membru A jiddeċiedi li jkabbar in-negozju tiegħu billi jiftaħ stabbiliment fi Stat Membru B. Sabiex jimminimizza l-ispejjeż, in-negozju l-ġdid jagħżel li jiċċentralizza l-ħżin u l-ipproċessar tad-*data* tal-istabbiliment il-ġdid fis-server tiegħu li jinsab fi Stat Membru A. L-Istati Membri jistgħu ma jipprojbixxux tali sforzi ta' ċentralizzazzjoni tal-IT, ħlief meta jkun iġġustifikat għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

Għalkemm ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali ma japplikax jekk l-attivitajiet ta' proċessar kollha għad-*data* mhux personali jitwettqu barra mill-UE, ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* jrid jiġi rispettat meta d-*data* personali tkun parti mis-sett ta' *data*. B'mod partikolari, ir-regoli għat-trasferimenti ta' *data* personali għall-pajjiżi terzi jew għall-organizzazzjonijiet internazzjonali skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* jridu jiġu rispettati dejjem⁵⁵.

⁵⁴ Innota li r-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' *data* mhux personali fl-Unjoni Ewropea ma jikkonċernax rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-*data* imposti mill-Istati Membri fuq il-ħżin ta' *data mhux personali* f'pajjiżi terzi u dawn jistgħu jkunu preżenti f'ordnijiet ġuridiċi nazzjonali. Għall-finijiet ta' ċarezza, ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* japplika għall-ipproċessar tad-*data personali* ta' suġġetti tad-*data* li jkunu fl-UE minn kontrollur jew proċessur mhux stabbilit fl-UE, meta l-attivitajiet ta' proċessar ikunu relatati ma': (a) l-offerta ta' beni jew servizzi, irrispettivament minn jekk hux meħtieġ pagament tas-suġġett tad-*data*, lil tali suġġetti tad-*data* fl-Unjoni; jew (b) il-monitoraġġ tal-imġiba tagħhom sakemm l-imġiba tagħhom isseħħ fi ħdan l-Unjoni (ara l-Artikolu 3(2) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*).

⁵⁵ Fir-rigward ta' trasferimenti ta' *data personali* lil pajjiżi terzi, ikkonsulta l-paġna web tal-Kummissjoni: https://ec.europa.eu/info/law/law-topic/data-protection/reform/rules-business-and-organisations/obligations/what-rules-apply-if-my-organisation-transfers-data-outside-eu_mt u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — *L-Iskambjar u l-Protezzjoni tad-Data Personali f'Dinja Globalizzata*, COM/2017/07 final, disponibbli fuq: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM%3A2017%3A7%3AFIN>. Fir-rigward tal-Ġappun, il-Kummissjoni adottat id-

3.4 Attivitajiet relatati mal-organizzazzjoni interna tal-Istati Membri

Ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali ma jobbligax lill-Istati Membri jesternalizzaw il-provvediment ta' servizzi relatati mad-*data* mhux personali li jkunu jixtiequ jipprovdu huma stess jew li jorganizzawhom permezz ta' mezzi oħra minbarra kuntratti pubbliċi⁵⁶.

L-Artikolu 2(3)(b) tar-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali jsostni li:

“Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi relatati mal-**organizzazzjoni interna** ta' Stati Membri u li jallokaw, fost l-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi regolati mil-liġi pubblika, definiti fil-punt 4 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24/UE⁵⁷, setgħat u responsabbiltajiet għall-**ipproċessar ta' data mingħajr remunerazzjoni kuntrattwali ta' partijiet privati**, kif ukoll għal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' Stati Membri li jipprovdu għall-implimentazzjoni ta' dawk is-setgħat u responsabbiltajiet.”⁵⁸

Jista' jkun hemm interessi leġittimi li jiggarantixxu l-għażla ta' dan it-tip ta' “awtoformiment” ta' servizzi tal-ipproċessar tad-*data*, bħall-“internalizzazzjoni” jew arrangements reċiproki bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi. Eżempji tipiċi jinkludu l-użu ta' “cloud tal-gvern” jew gvern li jinvolvi aġenzija tal-IT ċentralizzata biex tipprovdi servizzi ta' proċessar tad-*data* lill-istituzzjonijiet u lill-korpi pubbliċi.

Madankollu, ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex iqisu l-effiċjenza ekonomika u benefiċċji oħra tal-użu ta' fornituri esterni tas-servizzi^{59,60}. Malli l-awtoritajiet nazzjonali jibdeu “jesternalizzaw” l-ipproċessar tad-*data* mar-remunerazzjoni kuntrattwali tal-partijiet privati, u l-ipproċessar iseħħ fl-UE, tali proċessar jiġi kopert mir-Regolament dwar il-Moviment Liberu tad-*Data* Mhux Personali, li

deċiżjoni ta' adegwatezza tagħha fit-23 ta' Jannar 2019, li tippermetti d-*data* personali tgħaddi liberament bejn iż-żewġ ekonomiji fuq il-bażi ta' garanziji ta' protezzjoni qawwija.

⁵⁶ Il-Premessa 14 tar-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' *data* mhux personali fl-Unjoni Ewropea.

⁵⁷ L-Artikolu 2(1)(4) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE, ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65-242 jipprovdi li “korpi rregolati mil-liġi pubblika” tisser korpi li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: (a) huma stabbiliti għall-iskop speċifiku li jissodisfaw ħtiġijiet fl-interess ġenerali, li ma għandhomx karattru industrijali jew kummerċjali; (b) ikollhom personalità ġuridika; u (c) huma ffinanzjati, fil-parti l-kbira, mill-Istat, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, jew minn korpi oħra rregolati mil-liġi pubblika; jew huma soġġetti għas-sorveljanza maniġerjali minn dawk l-awtoritajiet jew korpi; jew ikollhom bord amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, li aktar minn nofs il-membri tiegħu jkunu maħtura mill-Istat, mill-awtoritajiet reġjonali jew lokali, jew minn korpi oħra rregolati mil-liġi pubblika.”

⁵⁸ Il-Premessa 13 tar-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' *data* mhux personali fl-Unjoni Ewropea tindika li r-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2014/24/UE.

⁵⁹ Il-Premessa 14 tar-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' *data* mhux personali fl-Unjoni Ewropea.

⁶⁰ Fornitur estern tas-servizzi jkun kwalunkwe entità, li mhix “korp regolat mil-liġi pubblika”, kif previst fl-Artikolu 2(1)(4) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE, ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65-242.

jfisser li l-prinċipju tal-moviment liberu ta' *data* mhux personali japplika għal prattiki ġenerali u amministrattivi tal-awtoritajiet nazzjonali. Dan ifisser li huma jkollhom jieqfu jagħmlu restrizzjonijiet ta' lokalizzazzjoni tad-*data*, eż. f' offeriti għall-akkwist pubbliku⁶¹.

4 Approċċi awtoregolatorji li jappoġġjaw il-moviment liberu tad-*data*

L-awtoregolazzjoni tikkontribwixxi għall-innovazzjoni u l-fiduċja fost l-atturi tas-suq u għandha l-potenzjal li tirreaġixxi aktar għat-tibdil fis-suq. Din it-taqsimha tagħti ħarsa ġenerali lejn l-inizjattivi awtoregolatorji għall-ipproċessar kemm tad-*data* personali kif ukoll ta' dik mhux personali.

4.1 Il-portaġġ tad-*data* u l-qlib bejn il-fornituri tas-servizzi tal-cloud

Wieħed mill-għanijiet tar-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali huwa li jiġu evitati prattiki ta' lock-in tal-bejjieġh. Dawn il-prattiki jsejnhu meta l-utenti ma jkunux jistgħu jaqilbu bejn il-fornituri tas-servizzi minħabba li d-*data* tagħhom tkun "illockjata" fis-sistema tal-fornitur, pereżempju minħabba format tad-*data* speċifiku jew arranġamenti kuntrattwali, u ma tkunx tista' tiġi ttrasferita barra mis-sistema tal-IT tal-bejjieġh. Il-portaġġ tad-*data* mingħajr diffikultà huwa importanti biex l-utenti jkunu jistgħu jagħżlu liberament bejn fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* u b'hekk tiġi żgurata kompetizzjoni effettiva fis-suq.

Il-portabbiltà tad-*data* bejn in-negozji qed issir dejjem aktar importanti tul firxa ta' industrijii diġitali inklużi servizzi tal-cloud.

Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-Moviment Liberu tad-*Data*, il-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi u tiffaċilita l-iżvilupp ta' kodiċijiet ta' kondotta awtoregolatorji fil-livell tal-UE ("kodiċijiet ta' kondotta" sabiex tikkontribwixxi għal ekonomija tad-*data* kompetittiva. Hija tipprovdni bażi għall-industrija biex tiżviluppa kodiċijiet ta' kondotta awtoregolatorji dwar il-qlib tal-fornituri tas-servizzi u l-portaġġ tad-*data* bejn sistemi tal-IT differenti.

Jenħtieġ li waqt l-iżvilupp ta' tali kodiċijiet ta' kondotta dwar il-portaġġ tad-*data*, jitqiesu għadd ta' aspetti, jiġifieri:

- **l-aħjar prattiki** għall-iffaċilitar tal-qlib bejn il-fornituri tas-servizzi u l-portaġġ tad-*data* f' format strutturat, li jinqara mill-magni u li jintuża ta' spiss;
- **rekwiżiti dwar l-informazzjoni minima** sabiex jiżguraw li l-utenti professjonali, qabel jiġi konkluż kuntratt, jiġu pprovduti b'informazzjoni dettaljata u ċara biżżejjed dwar il-proċessi, ir-rekwiżiti tekniċi, il-perjodi ta' żmien u t-tariffi li japplikaw f'każ li utent professjonali jkun jixtieq jaqleb għal furnitur ta' servizzi ieħor jew il-portaġġ tad-*data* lura fis-sistemi tal-IT tiegħu;
- **approċċi għal skemi ta' ċertifikazzjoni** għal komparabbiltà aħjar tas-servizzi tal-cloud; u

⁶¹ Il-Premessa 13 tar-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' *data* mhux personali fl-Unjoni Ewropea.

- **pjanijiet direzzjonali ta' komunikazzjoni** biex jizjed l-għarfien dwar il-kodiċijiet ta' kondotta.

Fis-suq tas-servizzi tal-cloud, il-Kummissjoni bdiet tiffaċilita l-ħidma tal-gruppi ta' ħidma tal-partijiet ikkonċernati tal-cloud tas-Suq Uniku Diġitali (DSM), li tlaqqa' lil esperti u utenti professjonali tal-cloud flimkien, inklużi intrapriżi żgħar u medji. F'dan l-istadju sottogrupp qed jiżviluppa kodiċijiet awtoregulatorji dwar il-portaġġ tad-*data* u l-qlib bejn il-fornituri tas-servizzi tal-cloud (il-grupp ta' ħidma tas-SWIPO),⁶² u sottogrupp ieħor qed jaħdem fuq l-iżvilupp ta' ċertifikazzjoni tas-sigurtà tal-cloud (il-grupp ta' ħidma tas-CSPCERT)⁶³.

Il-grupp ta' Ħidma tal-SWIPO qed jiżviluppa kodiċijiet ta' kondotta li jkorpu l-ispettru tas-servizzi tal-cloud kollu; Infrastruttura bħala Servizz (IaaS), Pjattaforma bħala Servizz (PaaS), u Softwer bħala Servizz (SaaS).

Il-Kummissjoni tistenna li l-kodiċijiet ta' kondotta differenti jiġu kkumplimentati minn **klawżoli kuntrattwali mudell**⁶⁴. Dawn jippermettu speċifità ġuridika u teknika suffiċjenti fl-implimentazzjoni u fl-applikazzjoni prattika tal-kodiċijiet ta' kondotta, li tkun ta' importanza partikolari għall-intrapriżi żgħar u medji. L-abbozzar tal-klawżoli kuntrattwali mudell huwa ppjanat għal wara l-iżvilupp tal-kodiċijiet ta' kondotta (li jenħtieġ li jsir sad-29 ta' Novembru 2019).

F'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament dwar il-Moviment Liberu tad-*Data* Mhux Personali, il-Kummissjoni sejra tevalwa l-implimentazzjoni tar-Regolament qabel id-29 ta' Novembru 2022. Dan jagħmilha possibbli li jiġi vvalutat: (i) l-impatt tal-moviment liberu tad-*data* fl-Ewropa; (ii) l-applikazzjoni tar-Regolament, speċjalment ma' settijiet tad-*data* mħallta; (iii) sa fejn l-Istati Membri rrifjutaw b'mod effettiv ir-restrizzjonijiet tal-lokalizzazzjoni tad-*data* mhux iġġustifikati eżistenti; u (iv) l-effettività tas-suq tal-kodiċijiet ta' kondotta fil-qasam tal-portaġġ tad-*data* u l-qlib bejn il-fornituri ta' servizzi tad-*data*.

L-idea ta' portabbiltà u l-interazzjoni mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*

Kemm ir-Regolamenti⁶⁵ jirreferu għall-portabbiltà tad-*data* u l-għan li jsir aktar faċli li d-*data* tiġi pportjata minn ambjent tal-IT għall-ieħor, jiġifieri jew lejn is-sistemi ta' fornitur ieħor jew lejn sistemi fuq is-sit. Dan jimpedixxi l-lock-in tal-bejniegħ u jrawwem il-kompetizzjoni bejn il-fornituri tas-servizzi. Madanakollu, ir-Regolamenti jvarjaw fl-approċċ tagħhom dwar il-portabbiltà fir-rigward tar-relazzjoni bejn il-gruppi ta' interess fil-mira u n-natura legali tad-dispożizzjonijiet.

⁶² Il-Grupp ta' Ħidma tal-Portaġġ tad-*Data* u l-Qlib tal-Cloud

⁶³ Il-Grupp ta' Ħidma ta' Ċertifikazzjoni tal-Fornituri ta' Servizzi tal-Cloud. Ara wkoll it-Taqsima 4.3.

⁶⁴ Ara l-Premessa 30 tar-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' *data* mhux personali fl-Unjoni Ewropea.

⁶⁵ L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' *data* mhux personali fl-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*).

Id-dritt għall-portabbiltà tad-*data* personali skont l-Artikolu 20 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* jiffoka fuq ir-relazzjoni bejn is-suġġett tad-*data* u l-kontrollur. Huwa jikkonċerna d-dritt tas-suġġett tad-*data* li jirċievi *data* personali li jkun ipprovdva lill-kontrollur, f'format li jinqara mill-magni, użat b'mod wiesa' u strutturat, u li jittrażmetti dik id-*data* lil kontrollur ieħor jew lill-kapaċitajiet tal-ħżin tiegħu mingħajr diffikultà mill-kontrollur li lilu tkun ġiet ipprovduta d-*data* personali⁶⁶. Normalment, is-suġġetti tad-*data* f'din ir-relazzjoni jkunu klijenti ta' diversi servizzi online li jixtiequ jaqilbu bejn dawn il-fornituri ta' servizzi.

L-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali ma jipprovdix għal dritt għall-utenti professjonali biex jipportjaw id-*data*, iżda għandu approċċ awtoregulatorju, b'kodiċijiet ta' kondotta volontarji għall-industrija. Fl-istess ħin, għandu fil-mira tiegħu sitwazzjoni fejn utent professjonali esternalizza l-ipproċessar tad-*data* tiegħu lil parti terza li toffri servizz ta' proċessar tad-*data*⁶⁷. Skont l-Artikolu 3(8) tar-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali, “utent professjonali” tista' tinkludi “persuna fiżika jew ġuridika, inklużi awtorità pubblika jew korp regolat mil-liġi pubblika, li tuża jew li titlob servizz ta' proċessar tad-*data* għal skopijiet relatati mal-kummerċ, negozju, sengħa, professjoni jew komputu tagħha.”

Fil-prattika, il-portabbiltà skont l-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali tikkonċerna l-interazzjonijiet minn negozju għal negozju bejn utent professjonali (li jista' f'każijiet li jinkludu l-ipproċessar ta' *data* personali jikkwalifika bħala “kontrollur” skont ir-Regolament Ġenerali dwar id-*Data* Personali) u fornitur ta' servizzi (bl-istess mod, sabiex f'każijiet jiġi kkwilifikat bħala “proċessur”).

Minkejja d-differenzi, jirriżultaw sitwazzjonijiet fejn il-portaġġ tad-*data* jkun kopert kemm mir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali kif ukoll mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* rigward settijiet ta' *data* mħallta.

Eżempju:

Negozju li juża servizz tal-cloud jiddeċiedi li jibdel il-fornitur ta' servizzi tal-cloud u li jipportja d-*data* kollha għand fornitur ġdid. Il-bdil tal-fornitur ta' servizzi u l-portaġġ tad-*data* huwa kopert fil-kuntratt bejn il-klijent u l-fornitur ta' servizzi tal-cloud. Jekk il-fornitur ta' servizzi tal-cloud jaderixxi mal-kodiċijiet ta' kondotta żviluppanti skont ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali, il-portaġġ tad-*data* jrid iseħħ f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fih.

⁶⁶ Ara l-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29: *Linji Gwida dwar id-dritt għall-portabbiltà tad-*data**. WP 242 rev.01, adottat fit-13 ta' Diċembru 2016 kif irrevvedut l-aħħar u adottat fil-5 ta' April 2017.

⁶⁷ Il-Premessa 29 tar-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' *data* mhux personali fl-Unjoni Ewropa ssostni li: “Filwaqt li l-konsumaturi individwali jibbenefikaw mil-liġi eżistenti tal-Unjoni [jiġifieri r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*], il-kapaċità li jibdlu l-fornituri ta' servizzi ma tiġix iffäcilata għal dawk l-utenti li jkunu jaġixxu fil-kors tal-attivitàjiet ta' negozju jew professjonali tagħhom.”

Jekk id-*data* personali tkun ukoll parti mis-settijiet tad-*data* pportjati, il-portaġġ jeħtieġ li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, b'mod partikolari billi jiġi żgurat li l-fornitur ta' servizzi tal-cloud il-ġdid jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli bħas-sigurtà⁶⁸.

Eżempju:

F'każ fejn bank jiddeċiedi li jibdel il-fornitur tal-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-klijenti (CRM), huwa possibbli li xi *data* (personali u mhux personali) trid tiġi mċaqalqa mill-fornitur l-antik għall-ġdid. Din id-*data* u mbagħad tiġi soġġetta għal rekwiżiti regolatorji differenti, li xi wħud minnhom jirriżultaw mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*data* u l-oħrajn mir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali.

4.2 Kodiċijiet ta' kondotta u skemi ta' ċertifikazzjoni dwar il-protezzjoni ta' *data* personali

Kodiċijiet ta' kondotta u skemi ta' ċertifikazzjoni jistgħu jintużaw biex juru l-konformità mal-obbligi skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (ara l-Artikoli 24(3) u 28(5)).

Skont l-Artikolu 40(1) u 42(1) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, l-Istati Membri, l-awtoritajiet superviżorji, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* u l-Kummissjoni jenħtieġ li jinkoraġġixxu lill-industrija biex tiżviluppa kodiċijiet ta' kondotta u tistabbilixxi mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni tal-protezzjoni tad-*data*.

Assoċjazzjonijiet jew korpi oħra li jirrappreżentaw kategorija speċifika ta' kontrolluri jew proċessuri, jistgħu jħejju kodiċi ta' kondotta għal settur speċifiku. Jeħtieġ li jiġi sottomess abbozz tal-kodiċi lill-awtorità superviżorja kompetenti rispettiva għall-approvazzjoni⁶⁹. Jekk l-abbozz tal-kodiċi ta' kondotta jkun relatat ma' attivitajiet ta' pproċessar f'diversi Stati Membri, l-awtorità superviżorja trid tissottomettih lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* qabel tapprovah. Imbagħad il-Bord jagħti l-opinjoni tiegħu dwar jekk l-abbozz tal-kodiċi jikkonformax mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ppubblika l-Linji Gwida 1/2019 tiegħu dwar il-Kodiċijiet ta' Kondotta u l-Korpi ta' Monitoraġġ skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*⁷⁰. Il-linji gwida jinkludu infomazzjoni dwar it-tfassil ta' kodiċijiet ta'

⁶⁸ Ara l-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29: *Opinjoni 05/2012 dwar il-Cloud Computing* adottata fl-1 ta' Lulju 2012, WP196, li tispjega aktar fid-dettall il-pożizzjoni u l-obbligi tal-utenti tal-cloud u tal-fornituri tas-servizzi tal-cloud rigward l-ipproċessar ta' *data* personali.

⁶⁹ Ara l-Artikoli 40(5) u 55 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*).

⁷⁰ Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*: *Il-Linji Gwida 1/2019 dwar il-Kodiċijiet ta' Kondotta u l-Korpi ta' Monitoraġġ skont ir-Regolament 2016/679*, adottati fit-12 ta' Frar 2019, verżjoni għall-konsultazzjoni

kondotta, il-kriterji għall-approvazzjoni tagħhom u informazzjoni utli oħra. Bl-istess mod, il-Linji Gwida 1/2018 tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar iċ-ċertifikazzjoni u l-identifikazzjoni ta' kriterji ta' ċertifikazzjoni skont l-Artikoli 42 u 43 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data jipprovdu informazzjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni skont dan ir-Regolament u dwar l-iżvilupp u l-approvazzjoni tal-kriterji ta' ċertifikazzjoni⁷¹.

Eżempji ta' kodiċijiet ta' kondotta żviluppata mill-industrija tal-cloud:

Il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Cloud tal-UE, li l-iżvilupp tiegħu kien iffaċilitat mill-Kummissjoni, ġie abbozzat b'kollaborazzjoni mal-Grupp tal-Għażla tal-Industrija tal-Cloud (C-SIG) abbażi tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data⁷² u sussegwentement ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data. Il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Cloud tal-UE jkorpi l-ispettru kollu ta' servizzi tal-cloud — is-Softwer bħala Servizz (SaaS), il-Pjattaforma bħala Servizz (PaaS) u l-Infrastruttura bħala Servizz (IaaS)⁷³.

Il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Fornituri ta' Servizzi tal-Infrastruttura tal-Cloud fl-Ewropa (CISPE)⁷⁴ jiffoka fuq il-fornituri tal-IaaS. Il-Kodiċi ta' Kondotta ta' CISPE jikkonsisti minn rekwiżiti dwar il-fornituri tal-IaaS li jaġixxu bħala proċessuri tad-data skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data. Huwa jstabilixxi wkoll dispożizzjonijiet dwar l-istruttura ta' regolazzjoni għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-kodiċi.

Il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Konformità mal-GDPR tal-Alleanza tas-Sigurtà tal-Cloud għandu, fil-mira tiegħu, il-partijiet ikkonċernati kollha interessati fil-cloud computing u l-leġiżlazzjoni Ewropea dwar id-data personali, bħall-fornituri ta' servizzi tal-cloud, klijenti tal-cloud u klijenti potenzjali, awdituri tal-cloud u sensara tal-cloud. Il-kodiċi ta' kondotta jkopri l-ispettru kollu ta' forniture ta' servizzi tal-cloud⁷⁵.

4.3 It-tisħiħ tal-fiduċja fl-ipproċessar transfruntier tad-data – ċertifikazzjoni tas-sigurtà

Kif iddikjarat fil-Premessa 33 tar-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' Data Mhux Personali, it-tisħiħ tal-fiduċja fis-sigurtà tal-ipproċessar transfruntier tad-data jenħtieġ li jnaqqas l-inklinazzjoni tal-atturi tas-suq u tas-settur pubbliku li jużaw il-lokalizzazzjoni tad-data bħala proxy għas-sigurtà tad-data. Flimkien mal-pakkett taċ-ċibersigurtà propost mill-

pubblika disponibbli online fuq: https://edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/guidelines/guidelines-12019-codes-conduct-and-monitoring-bodies-under_en

⁷¹ Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data: *Il-Linji Gwida 1/2018 dwar iċ-ċertifikazzjoni u l-identifikazzjoni ta' kriterji ta' ċertifikazzjoni skont l-Artikoli 42 u 43 tar-Regolament 2016/679*, adottati fit-23 ta' Jannar 2019, u disponibbli online fuq: https://edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/guidelines/guidelines-12018-certification-and-identifying-certification_en

⁷² Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (data ta' tmiem il-validità: l-24 ta' Mejju 2018).

⁷³ Għal aktar informazzjoni dwar il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Cloud tal-UE ara: <https://eucoc.cloud/en/home.html>

⁷⁴ Għal aktar informazzjoni dwar il-kodiċi ta' kondotta ta' CISPE ara: <https://cispe.cloud/code-of-conduct/>

⁷⁵ Għal aktar informazzjoni dwar il-Kodiċi ta' Kondotta ta' CSEA ara: <https://gdpr.cloudsecurityalliance.org/>

Kummissjoni fl-2017⁷⁶, il-grupp ta' ħidma ta' CSPCERT qed jiżviluppa rakkomandazzjonijiet għall-finijiet ta' stabbiliment ta' Skema Ewropea ta' Ċertifikazzjoni tal-Cloud li se tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni. Tali skema għandha l-potenzjal li tiffaċilita l-moviment liberu tad-*data*, tippermetti komparabbiltà aħjar tas-servizzi tal-cloud u tippromwovi l-adozzjoni tal-cloud. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-(ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar iċ-Ċibersigurtà) biex tħejji skema tal-kandidati skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà⁷⁷. Tali skema tista' tindirizza kemm id-*data* personali kif ukoll id-*data* mhux personali. Barra mill-Att dwar iċ-Ċibersigurtà, u kif enfasizzat fit-Taqsima 4.2, il-GDPR jista' jintuża wkoll biex juri l-eżistenza ta' salvagwardji xierqa dwar is-sigurtà tad-*data*⁷⁸.

Rimarki finali

Li l-UE jkollha ċertezza u fiduċja ġuridika fl-ipproċessar tad-*data* huwa essenzjali għall-kapaċità tagħha li tisfrutta l-potenzjal sħiħ tad-*data*, fejn katini ta' valur jistgħu jiżviluppaw bejn is-setturi u l-fruntieri. Iż-żewġ Regolamenti jiżguraw dan u t-tnejn jimmiraw lejn l-għan tal-moviment liberu tad-*data*. Flimkien, ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* qed jibnu l-pedament għall-moviment liberu tad-*data* kollha fi ħdan l-Unjoni Ewropea u ekonomija Ewropea tad-*data* kompetittiva ħafna.

⁷⁶ Għal aktar tagħrif, ara: <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/cyber-security>

⁷⁷ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà u t-teknoloġija tal-komunikazzjoni u l-informazzjoni li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà)

⁷⁸ Ara l-premessa 74 tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà.